MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Numru. 862/2008

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef)
vs
Clifton Attard, iben Edwin, imwieled Ħaż-Żabbar fil-21 ta' Settembru, 1990

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b'diversi atti magħmula minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-12 ta' Settembru, 2008, għal habta tat-3.00 p.m., minn ġewwa l-fond Flat 1, Gloucester, Triq il-Prinċipessa Margherita, Msida, ikkometta serq ta' oġġetti tad-deheb, liema serq hu kkwalifkat bil-valur li jeċċedi l-€232.94 iżda anqas minn €2,329.37, bil-lok u bil-persuna li seħħ għad-dannu ta' Maria Carmela Attard;

2. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-perjodu ta' bejn il-15 ta' Awwissu, 2008 u il-31 ta' Awwissu, 2008 minn ġewwa l-fond Flat 1, Gloucester, Triq il-Prinċipessa Margherita, Msida, ikkometta serq ta' diversi oġġetti, u cioe' ta' television u DVD, liema serq ma jeċċedix l-€232.94 u huwa kkwalifkat bil-lok u bil-persuna li seħħ għad-dannu tal-konjuġi Edwin u Maria Carmela Attard;
3. talli f'dawn il-Gżejjer, f'xi jum matul ix-xahar ta' Awwissu, 2008 minn ġewwa l-fond Flat 1, Gloucester, Triq il-Prinċipessa Margherita, Msida, ikkometta serq ta' flus, liema serq ma jeċċedix l-€232.94 u huwa kkwalifkat bil-lok u bil-persuna li seħħ għad-dannu ta' Edwin Attard;
4. talli f'dawn il-Gżejjer, fid-9 ta' Settembru, 2008 u fil-ġimgħat ta' qabel, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kien ġew iffurmati, u cioe' żewġ cheques maħruġa mill-Bank of Valletta;
5. talli f'dawn il-Gżejjer, fid-9 ta' Settembru, 2008 u fil-ġimgħat ta' qabel, għamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li setgħet għamlet ħsara lil Edwin Attrard jew iġġib utli;
6. talli fit-12 ta' Settembru, 2008, u fix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom, liema oġġetti misruqin ġejjien minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-17 ta' settembru, 2008 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(e), 267, 268(b), 269(g), 279(a), 280(1) u 183 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija li tibda jiddekorri mil-lum. Minħabba ċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ, il-fatt li kien minuri fid-dati tar-reati u l-fatt li l-imputat għandu problema serja ta' dipendenza fuq id-droga kif ukoll problema ta' komportament tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino li jtih kull għajnuna possibbli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------